2024/1961

17.7.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1961

tas-16 ta' Lulju 2024

dwar kundizzjonijiet uniformi għat-trażmissjoni tas-serje kronoloġika għat-tqassim reġjonali l-ġdid skont ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(5) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 jipprevedi l-qafas legali għall-klassifikazzjoni reġjonali biex ikunu jistgħu jsiru l-ġbir, il-kumpilazzjoni u t-tixrid ta' statistika reġjonali armonizzata fl-Unjoni.

(2) Il-Kummissjoni emendat il-klassifikazzjoni komuni tal-unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/674 ([2]) b'effett mill-1 ta' Jannar 2024.

(3) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jibagħtu s-serje kronoloġika għat-tqassim reġjonali l-ġdida lill-Kummissjoni (Eurostat) f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Lulju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([1]) ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2003/1059/oj.
([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/674 tas-26 ta' Diċembru 2022 li jemenda l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 87, 24.3.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/674/oj).

ANNESS

Is-sena tal-bidu meħtieġa skont id-dominju statistiku

Id-dominju	Il-livell 2 tan-NUTS	Il-livell 3 tan-NUTS
Agrikoltura — popolazzjonijiet tal-annimali	2021	
Agrikoltura — kontijiet ekonomiċi reġjonali	2021	
Demografija tan-negozju	2022	2022
Demografija — popolazzjoni, twelidiet ta' trabi ħajjin, imwiet	1990 ([1])	1990 ([1])
Edukazzjoni	2013	
Saħħa — kawżi tal-imwiet	2013	
Użu tal-kura tas-saħħa — ħruġ mill-isptar	2023	
Suq tax-xogħol — impjiegi, qgħad	2019	2019 ([2])
Kontijiet reġjonali — kontijiet skont l-industrija u skont ir-reġjun	2000	2000
Kontijiet reġjonali — kontijiet tal-unitajiet domestiċi	2000	
Xjenza u teknoloġija — nefqa u persunal għar-riċerka u l-iżvilupp	2021	
Statistika strutturali tan-negozju	2022	
Turiżmu	2020	2020
Statistika tal-iskart — faċilitajiet għat-trattament tal-iskart	2018	

([1]) It-trażmissjoni mhix obbligatorja għas-snin ta' referenza 1990-2012.
([2]) It-trażmissjoni mhix obbligatorja sas-sena ta' referenza 2020.